KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.3.2013
COM(2013) 123 final

# GREEN PAPER

## Dwar Strateġija Ewropea għall-Iskart tal-Plastik fl-Ambjent

# WERREJ

GREEN PAPER Dwar Strateġija Ewropea għall-Iskart tal-Plastik fl-Ambjent ........ 2
1. Skart tal-plastik, deskrizzjoni ta' problema li qiegħda tikber ........ 4
2. Regolament li jindirizza l-iskart tal-plastik fl-Ewropa ........ 7
3. Ġestjoni tal-iskart tal-plastik u effiċjenza fl-użu tar-riżorsi ........ 8
4. Id-dimensjoni internazzjonali ........ 9
5. Għażliet politiċi għat-titjib tal-ġestjoni tal-iskart tal-plastik fl-Ewropa ........ 10
5.1. Applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart għall-ġestjoni tal-iskart tal-plastik ........ 10
5.2. Ilħuq tal-miri, riċiklaġġ tal-plastik u inizjattivi volontarji ........ 12
5.3. L-imġiba tal-konsumaturi titqiegħed fil-mira ........ 13
5.4. Lejn plastik aktar sostenibbli ........ 14
5.5. Durabilità tal-plastik u ta' prodotti tal-plastik ........ 15
5.6. Promozzjoni tal-plastik bijodegradabbli u tal-bijoplastik ........ 17
5.7. Inizjattivi tal-UE li jindirizzaw l-iskart tal-baħar li jinkludi iskart tal-plastik ........ 19
5.8. Azzjoni internazzjonali ........ 20

## GREEN PAPER

### Dwar Strateġija Ewropea għall-Iskart tal-Plastik fl-Ambjent

L-għan ta' din il-Green Paper huwa li tniedi riflessjoni wiesgħa dwar ir-reazzjonijiet possibbli għall-isfidi għall-politika pubblika, maħluqa mill-iskart tal-plastik, li fil-preżent mhumiex indirizzati fil-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-iskart. Is-segwitu għall-Green Paper se jkun parti integrali mir-reviżjoni usa' tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart li ser titlesta fl-2014. Din ir-reviżjoni ser tħares lejn il-miri eżistenti għall-irkuprar tal-iskart u għall-miżbliet, kif ukoll bħala evalwazzjoni 'ex post' ta' ħames direttivi li jkopru flussi differenti ta' skart.

Il-karatteristiċi inerenti tal-plastik joħolqu sfidi speċifiċi għall-ġestjoni tal-iskart. Il-plastik hu relattivament irħis u versatili, b'ħafna applikazzjonijiet industrijali u dan wassal għal tkabbir esponenzjali matul l-aħħar seklu; xejra li mistennija li tkompli. It-tieni, il-plastik huwa materjal li jdum iservi ħafna maż-żmien, u li jibqa' jeżisti aktar mill-prodotti magħmulin minnu. Bħala riżultat ta' dan, il-ġenerazzjoni tal-iskart tal-plastik qiegħda tikber madwar id-dinja. Id-durabilità tal-plastik tfisser ukoll li r-rimi bla kontroll huwa problematiku għax il-plastik jista' jibqa' preżenti fl-ambjent għal żmien twil. Il-ħtieġa li jissoktaw l-isforzi għat-tnaqqis tal-inċidenza u tal-impatti tal-plastik fl-ambjent tal-baħar ġiet enfasizzata b'mod partikolari fis-Samit Rio+20.

M'hemmx biss sfidi, iżda hemm ukoll opportunitajiet li jinħolqu minn ġestjoni aħjar tal-iskart tal-plastik. Minkejja li l-plastik huwa materjal kompletament riċiklabbli, bħalissa perċentwal żgħir biss mill-iskart tal-pastik qed jiġi riċiklat. It-tisħiħ tar-riċiklaġġ għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi li ġie adottat fl-2011[1] u jgħin sabiex jonqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-importazzjonijiet ta' materja prima u fjuwils fossili. Miżuri mfassla b'mod xieraq għar-riċiklaġġ tal-plastik jistgħu jtejbu wkoll il-kompetittività u joħolqu impjiegi u attivitajiet ekonomiċi ġodda.

Din il-Green Paper sejra tgħin fil-valutazzjoni mill-ġdid tar-riskji ambjentali u tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem ikkawżati mill-plastik fil-prodotti meta jsiru skart, fl-indirizzar tad-disinn ambjentalment sod tagħhom, kemm funzjonalment kif ukoll kimikament, u fil-ftuħ ta' proċess ta' riflessjoni fuq kif għandha tiġi indirizzata l-problema tar-rimi bla kontroll ta' skart tal-plastik u skart tal-baħar. Għandha tgħin ukoll fl-avvanz tar-riflessjoni fuq l-internalizzazzjoni tal-impatti fuq iċ-ċiklu tal-ħajja, mill-estrazzjoni tal-materja prima sat-tmien tal-fażi tal-ħajja, fl-ispiża tal-prodotti tal-plastik.

Il-Kummissjoni qiegħda tniedi din il-konsultazzjoni sabiex tiġbor il-fatti, sabiex tivvaluta l-interessi u sabiex tiġbor il-fehmiet tal-partijiet interessati kollha fuq fenomenu li għandu ħafna dimensjonijiet.

Huma mistiedna kummenti fuq kull aspett jew fuq uħud mill-aspetti tad-dokument. Mistoqsijiet speċifiċi huma elenkati wara kull taqsima dwar għażliet ta' politika.

L-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-partijiet interessati l-oħrajn kollha huma mistiedna jressqu l-fehmiet tagħhom dwar is-suġġerimenti mniżżla f'din il-Green Paper. Il-kontribuzzjonijiet għandhom jintbagħtu lil dan l-indirizz li ġej sabiex jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard mis-7 ta' Ġunju 2013: http://ec.europa.eu/environment/consultations/plastic_waste_en.htm.

1 COM(2011) 571.

Jekk jogħġbok innota li l-maġġoranza tar-referenzi f'dan it-test ibbażaw id-dejta tagħhom fuq l-istatistiċi uffiċjali maħruġa mill-EUROSTAT u ż-ŻEE.

## 1. SKART TAL-PLASTIK, DESKRIZZJONI TA' PROBLEMA LI QIEGĦDA TIKBER

### *Produzzjoni tal-plastik*

Il-plastik huwa materjal relattivament ġdid li kien biss fl-1907 li daħal fil-produzzjoni industrijali[2]. Illum jinsab mifrux fil-prodotti industrijali u tal-konsumatur, u mingħajru l-ħajja moderna hija inkonċepibbli. Fl-istess ħin, il-karatteristiċi li jagħmlu l-plastik tant utli, bħad-durabilità, il-piż ħafif u l-prezz baxx tiegħu, jagħmlu wkoll ir-rimi tiegħu problematiku[3].

Il-produzzjoni globali tal-plastik kibret minn 1.5 miljun tunnellata (Mt) fis-sena fl-1950 għal 245 Mt fl-2008, b'60 Mt[4] minnhom fl-Ewropa biss. Il-produzzjoni matul dawn l-aħħar 10 snin laħqet il-produzzjoni totali ta' matul is-seklu 20 kollu[5]. Huwa stmat (abbażi ta' xenarju ta' żamma tal-istatus quo) li sal-2020 66,5 Mt[6] ta' plastik sejrin jitpoġġew fis-suq tal-UE u l-produzzjoni tal-plastik globali tista' titriplika sal-2050[7].

### *Skart tal-plastik*

Fl-Unjoni Ewropea (UE 27), huwa stmat li fl-2008 ġie ġġenerat madwar 25 Mt ta' skart tal-plastik. Minn dan, 12.1 Mt (48.7%) ġie mirdum f'miżbliet, filwaqt li 12.8 Mt (51.3%) intbagħtu għall-irkupru[8], u 5.3 Mt (21.3%) biss ġew irriċiklati[9]. Filwaqt li t-tbassir għall-2015 jassumi żieda globali ta 30 % fil-livell ta' riċiklaġġ mekkaniku (minn 5.3 Mt għal 6.9 Mt), l-irdim u l-inċinerazzjoni bl-irkupru ta' enerġija[10] huma mistennija li jibqgħu l-mezzi predominanti ta' ġestjoni tal-iskart[11].

Il-produzzjoni tal-plastik mistennija tiżdied mal-PDG[12] flimkien ma' żieda globali assoċjata fil-ġenerazzjoni ta' skart tal-plastik bejn l-2008 u l-2015 ta' 5.7 Mt (23%)[13]. Din hija prinċipalment xprunata minn żieda ta' 24% fis-settur tal-imballaġ. u hija parti minn xejra persistenti ta' żieda fl-iskart tal-plastik fl-Ewropa. Fin-nuqqas ta' titjib fid-disinn tal-prodotti u ta' miżuri mtejba għall-ġestjoni tal-iskart, l-iskart tal-plastik sejjer jiżdied fl-UE maż-żieda fil-produzzjoni.

L-istess xejriet osservati fl-UE x'aktarx ikunu aktar qawwija f'ekonomiji li qegħdin jikbru malajr bħall-Indja, iċ-Ċina, il-Brażil u l-Indoneżja, iżda wkoll f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. Il-popolazzjoni tad-dinja hija prevista li tikber b'790 miljun ruħ kull għaxar snin u tista' tilħaq

---

2 Gerhard Pretting/Werner Boote, Plastic Planet, Ornage Press, Freiburg 2010, p.8.

3 In depth report Plastic Waste: Ecological and Human Health Impacts, Science for Environment Policy, Novembru 2011, p.1.

4 (BIOIS) Plastic waste in the Environment, final report, Il-Kummissjoni Ewropea, Novembru 2010, *http://ec.europa.eu/environment/waste/studies/pdf/plastics.pdf.*

5 KPMG International (2010). The future of the chemical industry.

6 Plastic waste in the Environment, loc.cit, p. 163.

7 Wurpel G.,Van den Akker J.,Pors J., Ten Wolde, Plastics do not belong in the ocean. Towards a roadmap for a clean North Sea. IMSA Amsterdam (2011), p. 39.

8 L-istatistiċi tal-Istati Membri ġeneralment jirrapportaw biss fuq l-imballaġġ tal-plastik. L-ammont attwali ta' skart tal-plastik jista' jitqies li huwa ogħla. Ara: FORWAST,2010, Policy recommendations, p. 43. (http://forwast.brgm.fr/Documents/Deliverables/Forwast_D63.pdf).

9 (BIOIS) Plastic waste in the Environment, loc.cit., p. 73.

10 Operazzjoni ta' rkupru skont l-Anness II, R 1, tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart.

11 (BIOIS) Plastic waste in the Environment, loc.cit, p. 123.

12 (BIOIS) Plastic waste in the Environment, op.cit., p. 122 ff.

13 (BIOIS) Plastic waste in the Environment, loc.cit., p. 123.

aktar minn 9 biljuni sal-2050 bi klassi medja ġdida ta' madwar 2 biljuni[14]. Din x'aktarx li żżid id-domanda għall-plastik u l-ammont ta' skart tal-plastik madwar id-dinja.

***L-industrija tal-plastik***

L-industrija tal-plastik għandha rwol ekonomiku importanti fl-Ewropa, timpjega total ta' madwar 1.45 miljun ruħ f'aktar minn 59 000 kumpanija u tiġġenera fatturat ta' madwar EUR 300 biljun fis-sena. Fis-settur tal-produzzjoni hemm 167 000 impjieg u f'dak tat-trasformazzjoni tal-plastik hemm 1.23 miljun impjieg (UE 27, 2005-2011, ESTAT) l-aktar fl-SMEs[15].

Mil-lat tal-ġestjoni tal-iskart, il-ġbir u s-separazzjoni tal-iskart minn tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) u plastiks jipprovdu l-akbar numru ta' opportunitajiet ta' xogħol, b'total ta' 40 u 15.6 impjiegi rispettivament li qed jinħolqu għal kull 1 000 tunnellata ta' materjal ipproċessat. Ir-riċiklaġġ tal-plastik waħdu għandu l-potenzjal li joħloq 162 018 impjieg fl-UE 27 jekk ir-rata ta' riċiklaġġ togħla sa livell ta' 70% sal-2020[16].

Il-plastik jintuża l-aktar fl-imballaġġ bħala prodott irħis li spiss ma jkunx jista' jerġa' jintuża jew ma jkunx maħsub sabiex jerġa' jintuża. Is-suq tat-trasformazzjoni tal-plastik huwa ddominat mill-imballaġġ tal-plastik (40.1%) segwit mis-settur tal-bini u l-kostruzzjoni (20.4%). L-industrija tal-plastik qiegħda tistenna tkabbir fit-tul ta' madwar 4% fuq livell globali, ħafna iktar mit-tkabbir tal-PDG globali mistenni[17]. L-Ewropa xorta għadha esportatur nett ta' prodotti tal-plastik b'valur ta' EUR 13-il biljun fl-2009, iżda l-produzzjoni Ċiniża laħqet livell simili fl-2008[18].

***Id-destin fl-ambjent***

Ladarba jkun fl-ambjent - b'mod partikolari fl-ambjent tal-baħar - l-iskart tal-plastik jista' jdum jeżisti għal mijiet ta' snin[19]. Ħsara lill-ambjent kostali u tal-baħar u lill-ħajja akkwatika tirriżulta mill-10 miljun tunnellata ta' skart fis-sena, l-aktar tal-plastik, li jispiċċaw fl-oċeani u fl-ibħra tad-dinja, li jibdluhom fl-akbar miżbla għall-plastik tad-dinja. L-irqajja' tal-iskart fl-oċean Atlantiku u f'dak Paċifiku huma stmati li jiżnu mal-100 Mt, li madwar 80% tagħhom huwa plastik. Il-fdalijiet tal-plastik jikkawżaw tbatija għall-ispeċijiet tal-baħar li jsofru minn taħbil jew inġestjoni[20]. "Is-Sajd Fantasma"[21] li jsir permezz ta' rkaptu tas-sajd tal-plastik mitluq jikkawża spejjeż ekonomiċi għoljin u ħsara ambjentali sostanzjali. L-ispeċijiet invażivi jużaw fdalijiet tal-plastik biex jivvjaġġaw distanzi twal fl-oċeani. Ħafna mill-fdalijiet tal-plastik eventwalment jispiċċaw f'qiegħ il-baħar[22].

Il-plastik mhuwiex inerti. Il-plastik konvenzjonali fih għadd kbir, u xi kultant proporzjon kbir ta' addittivi kimiċi li jistgħu jkunu interferenti endokrinali, karċinoġeniċi jew jipprovokaw reazzjonijiet tossiċi oħrajn u jistgħu, fil-prinċipju, jemigraw għal ġewwa l-ambjent, għalkemm

14 WBCSD, Vision 2050, http://www.wbcsd.org/templates/TemplateWBCSD5/layout.asp?type=p&MenuId=MTYxNg&doOpe.

15 Plastics Europe, plastics – the facts, 2012, p.5.

16 Friends of the Earth, Rapport ta' Settembru 2010, more jobs, less waste, p. 16, p. 31.

17 Plastics Europe, loc.cit., p 5.

18 Plastics Europe, loc.cit., p. 12.

19 Wurpel G. et al, loc cit., p. 13.

20 UNEP, 2009, Marine Litter: A global challenge, http://www.unep.org/pdf/unep_marine_litter-a_global_challenge.pdf.

21 Fenomenu li permezz tiegħu ċapep kbar ta' xbieki tas-sajd mitluqin iżommu f'wiċċ l-ilma u jaqbdu b'mod mhux intenzjonali ammonti kbar ta' ħut.

22 Qrib bliet kbar u widien f'qiegħ il-baħar, id-densità tista' testendi għal 100.000 biċċa kull /km$^2$. Ara wkoll: Wurpel,G. loc.cit., p. 32, 35.

fi kwantitajiet żgħar[23]. Il-pollutanti organiċi persistenti (POPs), pereżempju l-pestiċidi bħal DDT u bifenili poliklorinati (PCBs) [24], mill-ilma tal-madwar kapaċi jeħlu ma' frak tal-plastik li jistgħu jkunu ta' ħsara[25], u jidħlu fil-katina alimentari permezz ta' fawna tal-baħar li tibla' l-plastik (effett żiemel ta' Troja) [26]. Dawn il-POPs ma jitkissrux faċilment b'mod naturali, iżda jakkumulaw fit-tessuti tal-ġisem, fejn jista' jkollhom effetti karċinoġeniċi, mutaġeniċi u oħrajn fuq is-saħħa[27].

Partikoli żgħar u fini (l-hekk imsejħa mikroplastiks), jirriżultaw minn deċenni ta' degradazzjoni u brix mekkaniku u jikkawżaw tħassib partikolari. Dawn jinsabu kullimkien u jilħqu anki l-oqsma l-aktar remoti[28] b'konċentrazzjoni fl-ilma li kultant hija ogħla minn dik tal-plankton. Dawn il-mikroplastiks, u l-additivi kimiċi li jkun fihom, jekk jinbelgħu fi kwantitajiet kbar minn fawna tal-baħar jista' jkollhom potenzjal għoli li jikkontaminaw il-katina alimentari permezz tal-interazzjoni bejn il-predaturi u l-priża.

Il-ġestjoni dgħajfa tal-iskart fuq l-art, b'mod partikolari rati marġinali biss ta' rkupru ta' skart tal-plastik, taggrava l-problema tat-tniġġis tal-baħar bil-plastik, li hija waħda mill-kwistjonijiet ambjentali emerġenti tal-akbar importanza globali[29]. Esperti jistmaw li madwar 80% tal-iskart tal-plastik fil-baħar ikun ġej mill-art[30].

Jidher li s-sorsi ewlenin tal-iskart ta' plastik fil-baħar minn fuq l-art huma: l-iskarigu tal-ilma ġej minn maltempati, it-tifwir tad-dranaġġ, l-iskart relatat mat-turiżmu, ir-rimi illegali[31], l-attività industrijali, it-trasport mhux xieraq, prodotti kosmetiċi għall-konsumatur, il-materjali tas-sandblasting sintetiċi jew il-polyester u l-fibri tal-akriliċi mill-ħasil tal-ħwejjeġ[32]. Il-gerbub tal-plastik jistgħu jinstabu fil-maġġoranza tal-oċeani tad-dinja, anki f'żoni mhux industrijalizzati bħall-Paċifiku tal-Lbiċ[33].

---

23 Il-maġġoranza tal-addittivi huma mili u rinforzamenti, plastiċizzanti, koloranti, stabbilizzaturi, għajnuniet għall-ipproċessar, retardanti tal-fjammi, perossidi u antistati, kull wieħed jirrappreżenta familja sħiħa ta' kimiċi.

24 Mato Y., Isobe T., Takada H., Kanehiro H., Ohtake C. u Kaminuma T. (2001) "Plastic resin pellets as a transport medium for toxic chemicals in the marine environment" minn *Environmental Science and Technology* 35(2): 318-324.

25 Rios, L.M., Moore, C. u P.R. Jones (2007) "Persistent organic pollutants carried by synthetic polymers in the ocean environment" in *Marine Pollution Bulletin* 54: 1230-1237.

26 Rios, L.M., Jones, P.R., Moore, C. u U. Narayan (2010) "Quantification of persistent organic pollutants adsorbed on plastic debris from the Northern Pacific Gyres' "Eastern Garbage Patch"", aċċettat fil-*Journal of Environment Monitoring*.

27 (BIOIS) Plastic waste in the Environment, loc.cit, p. 117.

28 (BIOIS) Plastic waste in the Environment, loc.cit, p. 114.

29 UNEP yearbook; Emerging issues in global environment, Nairobi 2011; GESAMP (2010,IMO/FAO/UNESCO-IOC/UNIDO/WMO/IAEA/UN/UNEP Joint Group of Experts on the Scientific Aspects of Marine Environmental Protection); Bowmer, T. u Kershaw, P.J., 2010 (Eds.), Proceedings of the GESAMP International Workshop on plastic particles as a vector in transporting persistent, bio-accumulating and toxic substances in the oceans. GESAMP Rep. Stud. No. 82, 68 pp., p.8.

30 UNEP (2005). Marine litter, an analytical overview: http://www.unep.org/regionalseas/marinelitter/publications/docs/anl_oview.pdf.

31 Liffman M. u Boogaerts (1997) "Linkages between land-based sources of pollution and marine debris" in Marine Debris. Sources, Impacts, Solutions pp 359-366.

32 Browne, M.A., Crump, P., Niven, S.J., Teuten, E., Tonkin, A., Galloway, T., Thompson, R. (2011). Accumulation of microplastics on shorelines worldwide: sources and sinks. Environ Sci Technol, 45(21), 9175-9179.

33 Derraik J.G.B (2002) "The pollution of the marine environment by plastic debris: a review" f'Marine Pollution Bulletin 44:842-852.

## 2. REGOLAMENT LI JINDIRIZZA L-ISKART TAL-PLASTIK FL-EWROPA

***Leġiżlazzjoni dwar l-Iskart***

L-iskart tal-plastik mhuwiex indirizzat speċifikament mil-leġiżlazzjoni tal-UE, minkejja li l-impatt ambjentali tiegħu qed jikber. Id-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ biss għandha mira ta' riċiklaġġ speċifiku għall-imballaġġ tal-plastik. Id-Direttiva Qafas 2008/98/KE dwar l-iskart tistabbilixxi mira ġenerali ta' riċiklaġġ tal-iskart domestiku li tkopri, fost materjali oħra, l-iskart tal-plastik. Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart hija rilevanti f'ċerti aspetti oħra. Pereżempju, id-Direttiva tistabbilixxi r-responsabilità estiża tal-produttur bħala prinċipju ewlieni fil-ġestjoni tal-iskart. Tistabbilixxi wkoll il-ġerarkija tal-iskart li tagħti preċedenza għall-prevenzjoni tal-iskart, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ qabel l-irkupru, inklużi l-irkupru tal-enerġija, u r-rimi. Madankollu, jippersisti l-kuntrast qawwi bejn ir-rekwiżiti leġiżlattivi u l-prattika reali ta' ġestjoni tal-iskart.

Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart tistieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-miri tagħha u tikkunsidra miri addizzjonali għall-flussi ta' skart ieħor fejn ikun xieraq. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet intalbet ukoll teżamina l-miri fid-Direttiva dwar il-Miżbliet għat-tnaqqis ta' radam ta' skart bijodegradabbli, kif ukoll ir-riċiklaġġ u l-miri ta' rkupru fid-Direttiva 94/62/KE dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ għall-kategoriji diversi tal-imballaġġ tal-iskart.

Il-Kummissjoni ddeċidiet li se twettaq reviżjoni wiesgħa tal-leġiżlazzjonidwar l-iskart eżistenti u l-miri differenti, li se tkun lesta fl-2014. Din ir-reviżjoni tinvolvi wkoll evalwazzjoni *ex-post* ("kontroll tal-idoneità") ta' ħames Direttivi [34] eżistenti dwar il-flussi tal-iskart li sejra tevalwa l-effikaċja, l-effiċjenza, il-koerenza u r-rilevanza. Is-segwitu għal din il-Green Paper se jifforma parti integrali minn din ir-reviżjoni wiesgħa tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart.

***Leġiżlazzjoni dwar il-kimiċi***

Ir-Regolament REACH 1907/2006/KE għandu xi ftit tar-rilevanza għar-riċiklaġġ tal-plastik. Filwaqt li r-Regolament fih dispożizzjonijiet speċifiċi[35] li jiffaċilitaw it-tqegħid fis-suq ta' materjali rriċiklati, f'xi każi, l-użu ta' addittivi fil-plastiks jista' jfixkel il-konformità fl-ambitu tar-REACH jekk l-addittivi ma jkunux permessi fi prodotti ġodda. Xi wħud mill-proċessi ta' REACH huma wkoll rilevanti biex tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi tal-plastik, inklużi r-riċiklabilità tagħhom, u r-riskji assoċjati mal-plastik fl-ambjent. B'mod partikolari, ir-restrizzjonijiet jibqgħu jservu ta' għodod ewlenin biex jitnaqqsu l-perikli assoċjati ma' ċerti plastiks. L-awtorizzazzjoni tista' tintuża biex tinkiseb sostituzzjoni progressiva ta' dawk l-addittivi tal-plastik li jippreżentaw l-akbar tħassib fi plastik prodott fl-UE.

Ir-Regolament 1272/2008/KE dwar il-Klassifikazzjoni, l-Ittikkettar u l-Imballaġġ (CLP) jippermetti l-identifikazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi u jinforma lill-utenti dwar dawn il-perikli permezz ta' simboli u frażijiet standard fuq it-tikketti tal-ippakkjar u permezz ta' skedi ta' dejta dwar is-sikurezza. Din l-informazzjoni hija kruċjali biex tistimula l-produzzjoni ta' plastiks inqas perikolużi fl-Ewropa, u għalhekk, hija essenzjali sabiex ir-riċiklaġġ tal-plastik fl-Ewropa jissaħħaħ.

---

[34] *Direttiva dwar il-Batteriji 2006/66/KE, ĠU L 266, 26.0.2006, p. 1-14, Direttiva 2000/53/KE dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw. ĠU L 269, 21.10.2000, p.34; Direttiva dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ 1994/62/KE, ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10–23; Direttiva dwar PCB/PCT, 1996/59/KE, ĠU L 243, 24.9.1996, p. 31–35; Direttiva dwar il-ħama tad-drenaġġ, 1986/278/KEE; ĠU L 181, 4.7.1986, p. 6–12.*

[35] B'mod speċjali, l-Artikolu 2.7 (d).

Il-perikli tal-iskart tal-plastik fl-ambjent ikunu ferm inqas jekk il-leġiżlazzjoni eżistenti Ewropea dwar l-iskart tkun implimentata kif suppost. Ir-rimi fil-miżbliet jibqa' l-mezz predominanti għar-rimi tal-iskart tal-plastik[36] f'ħafna Stati Membri. Barra minn hekk, ir-rimi illegali għadu ma ġiex eradikat kompletament u ħafna miżbliet huma illegali jew huma ġestiti ħażin[37]. Aktar inkwetanti minn hekk, huwa n-numru ta' familji li m'huma koperti minn ebda sistema ta' ġbir muniċipali tal-iskart[38]; u f'sitwazzjoni fejn l-iskart tal-plastik ma huwa taħt l-ebda kontroll, tiżdied il-probabilità li l-plastik ħafif jilħaq traġitti tal-ilma u jsib triqtu lejn il-baħar.

***Implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart***

Il-konformità mal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-trawwim tat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi. Studju reċenti ssuġġerixxa li l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart tista' tiffranka EUR 72 biljun fis-sena, iżżid il-fatturat annwali tal-ġestjoni tal-iskart tal-UE u s-settur tar-riċiklaġġ bi EUR 42 biljun u toħloq aktar minn 400,000 impjieg sal-2020[39].

Peress li l-iskart tal-plastik huwa kkategorizzat bħala mhux perikoluż, dan jista' jiġi esportat lejn pajjiżi mhux tal-OECD skont il-proċedura tar-Regolament dwar it-Trasbord tal-Iskart (RTS) u sakemm l-importazzjoni ma tkunx ipprojbita mill-pajjiż destinatarju. L-esportazzjoni totali ta' skart tal-plastik mill-Istati Membri tal-UE żdiedet b'ħames darbiet bejn l-1999 u l-2011. L-esportazzjoni marret l-iktar lejn l-Asja[40].

L-insuffiċjenza tal-infurzar tar-RTS tirriżulta f'ġarr illegali ta' kwantitajiet kbar ta' skart għal barra l-UE[41]. Wieħed mill-aktar tipi komuni ta' skart involuti huwa l-iskart elettroniku, li għandu kontenut għoli ta' plastik. Dawn l-esportazzjonijiet jikkontribwixxu għall-pressjonijiet ambjentali, partikolarment f'pajjiżi b'sistemi ta' ġestjoni tal-iskart li ma tantx huma żviluppati. Il-ġarr illegali ta' skart tal-plastik jirrappreżenta wkoll telf importanti ta' riżorsi potenzjali u opportunitajiet mitlufa għal riċiklaġġ fl-Ewropa.

Il-Kummissjoni reċentement ippubblikat komunikazzjoni[42] li tenfasizza l-ħtieġa li jittejjeb ir-respons fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali. Din il-komunikazzjoni tirrikonoxxi li jista' jintlaħaq xi titjib billi jittejjeb il-qafas eżistenti għall-ispezzjonijiet u s-sorveljanza.

## 3. ĠESTJONI TAL-ISKART TAL-PLASTIK U EFFIĊJENZA FL-UŻU TAR-RIŻORSI

L-adozzjoni ta' metodi ta' produzzjoni tal-plastik aktar sostenibbli u ġestjoni aħjar tal-iskart tal-plastik – b'mod partikolari rati ogħla ta' riċiklaġġ - joffru potenzjal konsiderevoli għat-titjib tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi. Fl-istess ħin, huma jgħinu biex titnaqqas l-importazzjoni ta' materja prima kif ukoll l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra. L-iffrankar tar-riżorsi jista' jkun sinifikanti. Il-plastik huwa prodott kważi esklussivament miż-żejt, u fil-preżent, il-

---

36 (BIOIS) Plastic waste in the Environment, loc.cit., p. 74.

37 Studju ta' segwiment dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'miżbliet UE-25, Konsulenti ta' COWI, Ġunju 2007, p. 79.

38 COWI study, loc. cit., p. 5. F'xi UE 10 SM 50% tad-djar huma kkonċernati.

39 (BIOIS), implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart għal tkabbir ambjentali, rapport finali 2011, pp. 11-13, 88.

40 Rapport tal-EEA Nru.7/2012, Kopenħagen 2012, "movimenti ta' skart tul il-fruntieri interni u esterni tal-UE", p. 20.

41 BiPRO/Umweltbundesamt, "Services to support the IMPEL network in connection with joint enforcement actions on waste shipment inspections and to co-ordinate such actions, Rapport finali, 15 ta' Lulju 2009.

42 ('Improving the delivery of benefits from EU environmental measures; building confidence through better knowledge and responsiveness') COM (2012) 95 finali tas-7 ta' Marzu 2012.

produzzjoni tal-plastik tikkonsma madwar 8% tal-produzzjoni taż-żejt dinji, li minnhom 4% bħala materja prima u 3-4% bħala enerġija għall-proċessi tal-manifattura[43].

Mill-perspettiva tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, il-prevenzjoni tar-rimi tal-iskart tal-plastik hija partikolarment importanti. Kwalunkwe rimi tal-plastik f'miżbla huwa ħela ċara ta' riżorsi li għandha tiġi evitata favur ir-riċiklaġġ, jew ta' rkupru tal-enerġija bħala t-tieni l-aħjar alternattiva. Madankollu, ir-rati tal-plastik mormi fil-miżbliet jibqgħu għoljin f'diversi Stati Membri minħabba n-nuqqas ta' alternattivi adatti u l-użu insuffiċjenti ta' strumenti ekonomiċi li ntwerew li huma effettivi.

Il-ħtieġa li jkunu salvagwardjati r-riżorsi naturali u li tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi tista' tkun ta' xprun biex tiżdied is-sostenibbiltà fil-produzzjoni tal-plastik. Idealment il-prodotti kollha tal-plastik għandhom ikunu kompletament riċiklabbli u bi spejjeż raġjonevoli.

Ir-riċiklaġġ jibda diġà fil-fażi tad-disinn tal-prodott. Għalhekk, id-disinn tal-prodott għandu l-potenzjal li jsir waħda mill-għodod essenzjali għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi[44] li ġie adottat dan l-aħħar.

Ir-rati baxxi ta' riċiklaġġ u l-esportazzjoni ta' skart tal-plastik għall-ipproċessar mill-ġdid f'pajjiżi terzi huma telf importanti ta' riżorsi li ma jiġġeddux, u tal-impjiegi, għall-Ewropa. Il-potenzjal għar-riċiklaġġ tal-plastik għadu ferm sotto-utilizzat. Pereżempju, l-Irish Marked Developement Program għar-riżorsi tal-iskart identifika (fost oħrajn) il-plastik bħala dak li joffri l-ikbar potenzjal għall-attività ta' riċiklaġġ fl-Irlanda[45]. Fil-Ġermanja, fejn 60% tal-iskart tal-plastik qiegħed fil-preżent jiġi inċinerat, hemm ukoll skop wiesa' sabiex tiżdied ir-rata ta' riċiklaġġ tal-plastik[46].

Fi studju riċenti, ir-riċiklaġġ tal-plastik u l-iffrankar tal-materjal instabu li jagħtu l-ogħla kontribut għall-iffrankar tal-impatt fuq it-tibdil fil-klima, it-tnaqqis tar-riżorsi abijotiċi u l-ekotossiċità akkwatika tal-ilma ħelu. Produttività materjali akbar fil-plastik tipprovdi l-ogħla kontribut għal impatti ambjentali imnaqqsa. Fir-rigward tal-gassijiet b'effett serra, il-plastik, flimkien mal-bijomassa u l-metalli, wera l-akbar potenzjal għat-tnaqqis[47].

## 4. ID-DIMENSJONI INTERNAZZJONALI

Il-plastik huwa sors ewlieni ta' tniġġis tal-baħar fuq livell globali. L-iskart tal-plastik jaqsam il-fruntieri u hemm bżonn ta' azzjoni internazzjonali fir-rigward tal-iskart tal-plastik fil-baħar sabiex dan jiġi indirizzat b'mod effettiv. Dan kien rikonoxxut b'mod ċar fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, Rio+20, f'Ġunju 2012.

Riżoluzzjonijiet riċenti tan-NU, ftehimiet ambjentali globali u deċiżjonijiet ta' aġenziji internazzjonali ġibdu l-attenzjoni internazzjonali fir-rigward tal-problema. Il-ħames Konferenza internazzjonali dwar il-Ħmieġ tal-Baħar li saret f'Honolulu, koorganizzata mill-UNEP u n-NOAA[48] f'Marzu 2011, tista' tkun l-ewwel pass lejn strateġija globali u pjanijiet ta'

43 Hopewell, Dvorak, R. & Kosior, E. (2009). Plastics recycling: challenges and opportunities. Philosophical transactions of the Royal Society N 364: 2115-2126.

44 Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi Ewropa COM (2011) 571 finali; għad-dokumenti ta' ħidma ta' appoġġ tal-persunal, ara: http://ec.europa.eu/environment/resource_efficiency/pdf/com2011_571.pdf.

45 (BIOIS) implementing EU waste legislation for green growth, final report, p. 187.

46 *Trendresearch*: Der Markt für das Recycling von Kunststoffen in Mitteleuropa, Marktentwicklung, technische Machbarkeit und ökologischer Nutzen, Bremen, 2011.

47 (BIOIS) (2011) Analysis of the Key Contributions to Resource Efficiency, final report, p. 101.

48 Amministrazzjoni Oċeanika u Atmosferika Nazzjonali.

azzjoni dwar it-tniġġis tal-baħar bil-plastik. Hija identifikat is-sistemi ta' ġestjoni tal-iskart, li ftit huma żviluppati f'ħafna partijiet tad-dinja, bħala l-kwistjoni prevalenti għaliex dawn huma l-fattur ewlieni li jaffettwa t-trasferiment tal-iskart tal-plastik ibbażat fuq l-art fl-ambjent tal-baħar. Il-bini tal-kapaċità fil-ġestjoni tal-iskart huwa qasam li fih hemm bżonn ta' sforzi akbar[49].

Il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Pollutanti Organiċi Persistenti (POPs) hija rilevanti għall-plastik fis-sens li tirrestringi l-użu ta' ritardanti tal-fjammi kummerċjali bħal penta u otta bromodifenileter (BDE). Il-Konvenzjoni tipprojbixxi wkoll ir-riċiklaġġ ta' materjali li jkun fihom il-POP bħal xi ritardanti tal-fjammi brominati .

Konvenzjonijiet Reġjonali tal-baħar bħal l-OSPAR, Barcelona, ta' Helcom, u tal-Baħar l-Iswed jistgħu huma wkoll ikollhom rwol biex tiġi indirizzata l-problema tat-tniġġis fil-baħar. Pereżempju, il-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Barċellona, fl-2012 adottat Dokument ta' Politika u Qafas Strateġiku assoċjat għall-Ġestjoni tal-Ħmieġ fil-Baħar. Azzjoni taħt il-ftehimiet reġjonali tal-baħar tgħin ukoll lill-Istati Membri biex jimplimentaw aħjar l-obbligi tagħhom skont id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima (MSFD) sabiex jilħqu jew iżommu stat ambjentali tajjeb fl-ambjent tal-baħar sal-2020.

## 5. GĦAŻLIET POLITIĊI GĦAT-TITJIB TAL-ĠESTJONI TAL-ISKART TAL-PLASTIK FL-EWROPA

Id-Direttiva dwar l-Iskart 2008/98/KE diġà wittiet it-triq għal ħsieb ġdid fil-ġestjoni tal-iskart. Hija tistabbilixxi r-responsabilità estiża tal-produttur (Artikolu 8) u tiddeskrivi xprunaturi qawwija u innovattivi għall-produzzjoni sostenibbli b'kont meħud tal-ċiklu tal-ħajja sħiħa tal-prodotti. L-Istati Membri huma mħeġġa jieħdu miżuri leġiżlattivi jew mhux leġiżlattivi biex jissaħħu l-użu mill-ġdid u l-prevenzjoni, ir-riċiklaġġ u operazzjonijiet oħra ta' rkupru ta' skart. Il-produtturi għandhom ikunu mħeġġa biex jinvolvu ruħhom fit-twaqqif ta' punti ta' aċċettazzjoni għall-prodotti fi tmiem il-ħajja utli tagħhom. Huma jistgħu jinvolvu ruħhom fil-ġestjoni tal-iskart u jieħdu r-responsabilità finanzjarja għal dik l-attività. Huma għandhom jagħmlu l-informazzjoni disponibbli pubblikament fuq il-punt kemm prodott jista' jerġa' jintuża u fuq kemm huwa riċiklabbli. Għandhom jittieħdu miżuri xierqa li jinkoraġġixxu d-disinn ta' prodotti b'mod li jitnaqqsu l-impatti ambjentali tagħhom u l-ġenerazzjoni ta' skart matul il-produzzjoni u l-użu sussegwenti. Tali miżuri jistgħu jinkoraġġixxu żvilupp, produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti li huma tajbin għall-użu multiplu, teknikament durabbli u tajbin għall-ġestjoni ta' tmiem il-ħajja ambjentalment sigura.

L-għażliet politiċi ppreżentati f'din it-taqsima jsegwu approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja li jibda bid-disinn tal-plastik. Huwa tassew ċar li d-disinn tal-plastik u tal-prodotti tal-plastik jista' jaqdi rwol ewlieni għas-sostenibbiltà u jiddetermina stadji ulterjuri fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-plastik. Pereżempju, ir-riċiklaġġ tal-plastik jiddependi b'mod estensiv fuq il-kompożizzjoni tal-materjali tal-plastik u fuq id-disinn tal-prodotti tal-plastik.

### 5.1. Applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart għall-ġestjoni tal-iskart tal-plastik

Bħala kwistjoni ta' prinċipju, ir-riċiklaġġ tal-iskart tal-plastik huwa għażla aħjar mill-irkupru tal-enerġija jew l-irdim fil-miżbliet. Għalkemm minn perspettiva taċ-ċiklu tal-ħajja, mhux l-iskart kollu tal-plastik jista' jkun xieraq għar-riċiklaġġ, ma hemmx raġunijiet tekniċi għalfejn il-plastik għandu jmur fil-miżbliet minflok jiġi riċiklat jew użat għall-irkupru tal-enerġija. Dan jista' jsir permezz ta' tneħħija gradwali jew projbizzjoni tar-rimi tal-iskart tal-plastik fil-

[49] GESAMP (2010), loc.cit., Rep. Stud. No. 82, 68 pp., p.31.

miżbliet permezz ta’ emenda għad-Direttiva 1999/31/KE dwar il-Miżbliet. Iż-żewġ għażliet huma diġà użati għall-bijoskart (tneħħija gradwali) u t-tajers, il-likwidi u l-isplussivi (projbizzjoni).

L-Istati Membri b'rati ta’ rimi fil-miżbliet taħt il-5%, bħall-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Iżvezja, id-Danimarka, il-Belġju, u l-Awstrija jiksbu rati ta’ bejn 80% u 100% tal-irkupru tal-iskart tal-plastik, inkluż ir-riċiklaġġ. Dawn il-pajjiżi kollha daħħlu fis-seħħ miżuri li jwasslu b'mod effettiv għad-devjazzjoni tal-iskart kombustibbli mill-miżbliet, ekwivalenti għal projbizzjoni tar-rimi fil-miżbliet. Il-maġġoranza tal-Istati Membri bi prestazzjoni iktar baxxa ma japplikaw l-ebda miżura bħal din u jibbażaw l-aċċettazzjoni ta’ skart fil-miżbliet fuq taxxi/tariffi fuq ir-rimi fil-miżbliet li xi kultant huma baxxi sa EUR 7 biss għal kull tunnellata.

Madankollu, xi Stati Membri b'rati ta’ rkupru għoljin u projbizzjonijiet għal rimi f’miżbliet, bħala medja għad għandhom rati modesti ta’ riċiklaġġ tal-plastik ta' madwar 28%[50]. Il-proporzjon attwali bejn riċiklaġġ tal-plastik u l-irkuprar tal-enerġija tal-iskart tal-plastik jista’ jiġi mtejjeb permezz ta' miżuri dwar il-ġbir separat, issortjar u rkupru ta’ materjal. Projbizzjoni fuq rimi fil-miżbliet li tiġġenera prevalenza awtomatika ta’ rkupru ta' enerġija fuq ir-riċiklaġġ ma tkunx konformi mal-ġerarkija tal-iskart. Jista’ jkun utli li nirriflettu dwar kif l-istrumenti ekonomiċi jistgħu jintużaw biex imexxu l-fluss ta’ skart mill-ġerarkija tal-iskart, u b'hekk jiġi evitat "l-effett ta’ vacuum cleaner" favur l-iskart għall-enerġija.

Medja ta’ kważi 50% tal-plastik fl-UE jmur fil-miżbliet, ħafna minnu imballaġġ. In-nuqqas komuni ta’ ġbir ta’ skart b’mod separat u n-nuqqas ta’ alternattivi oħrajn f'bosta Stati Membri jgħinu biex jispjegaw ir-rata għolja ta' rimi tal-plastik fil-miżbliet[51]. Il-plastik fil-miżbliet ma jikkontribwixxi xejn għall-irkupru ta’ materjal u l-irkupru ta’ enerġija u għalhekk huwa ineffiċjenti ħafna bħala riżors. Studju dwar projezzjonijiet tal-iskart li jista’ jiġi ġġenerat fl-Ewropa sal-2035 evalwa l-introduzzjoni ta’ linji politiċi b'saħħithom biex jestendu r-riċiklaġġ, u sab li l-plastik għandu l-akbar potenzjal għat-tnaqqis tal-impatti ambjentali tal-iskart[52].

**Mistoqsijiet:**

**(1) Jista’ l-plastik jiġi trattat b’mod xieraq fil-qafas leġiżlattiv eżistenti għall-ġestjoni tal-iskart jew jeħtieġ li l-leġiżlazzjoni eżistenti tiġi adattata?**

**(2) Kif jistgħu l-miżuri għal promozzjoni ta’ riċiklaġġ akbar tal-plastik jitfasslu aħjar sabiex jiżguraw impatti pożittivi għal kompetittività u tkabbir aħjar?**

**(3) L-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tar-rekwiżiti tat-trattament tal-iskart fil-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-miżbliet tnaqqas biżżejjed ir-rimi attwali tal-iskart tal-plastik fil-miżbliet?**

**(4) Liema miżuri jkunu adatti u effettivi biex jiġi promoss l-użu mill-ġdid u l-irkupru tal-plastik minflok ir-rimi fil-miżbliet? Il-projbizzjoni tal-miżbliet għall-plastik tkun soluzzjoni proporzjonata jew żieda fit-taxxi fuq il-miżbliet u l-introduzzjoni ta' objettivi għal diversjoni jkunu biżżejjed?**

**(5) X’miżuri ulterjuri jistgħu jkunu xierqa biex jtellgħu l-irkupru tal-iskart tal-plastik aktar ’il fuq fil-ġerarkija tal-iskart u b'hekk jonqos l-irkupru tal-**

50 *CONSULTIC Marketing &Industrieberatungs GmbH,* Kunststoffabfälle und Recycling in Deutschland und Europa, Alzenau 2012.

51 BiPRO, Organisation of awareness raising events concerning the implementation of Directive 1999/31/EC on the landfill of waste, Rapport Finali, 30 ta’ Mejju 2007, p. 17.

52 FORWAST,2010, Policy recommendations, loc.cit.

**enerġija favur ir-riċiklaġġ mekkaniku? Tista' taxxa għall-irkupru ta' enerġija tkun miżura utli?**

**(6) Għandu l-ġbir tal-iskart kollu tal-plastik minn fuq l-għatba tal-bieb flimkien ma' skemi 'ħallas meta tarmi' għall-iskart residwu jiġi promoss fl-Ewropa, jew saħansitra jsir obbligatorju?**

**5.2. Ilħuq tal-miri, riċiklaġġ tal-plastik u inizjattivi volontarji**

*Miri u esportazzjoni ta' skart tal-plastik*

Madwar 16 Mt/sena ta' skart tal-plastik jistgħu jiġu riċiklati jekk il-miri kollha ta' riċiklaġġ attwali jiġu ssodisfati għall-iskart muniċipali solidu, l-iskart tal-kostruzzjoni u demolizzjoni (C&D), vetturi li ma għadhomx jintużaw (ELV), Imballaġġ, Batteriji u WEEE. Din iċ-ċifra tissuġġerixxi li hemm madwar 9 Mt oħra ta' skart tal-plastik (minn total ta' 24,9 Mt) li mhumiex speċifikament koperti minn objettivi ta' użu mill-ġdid/irkupru obbligatorji; prinċipalment plastik fl-għamara u t-tagħmir li mhux l-EEE[53]. Id-Direttiva dwar l-Imballaġġ hija l-uniku strument legali tal-UE li jistabbilixxi objettiv ta' riċiklaġġ speċifiku għall-imballaġġ tal-plastik. Jista' jiġi kkunsidrat li jiġu stabbiliti aktar miri speċifiċi ta' riċiklaġġ tal-iskart tal-plastik lil hinn minn dak tal-iskart tal-imballaġġ tal-plastik.

Il-miri tar-riċiklaġġ fil-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-iskart setgħu wkoll taw spinta lill-provvista ta' skart li jista' jiġi riċiklat, bħalma tikkonkludi l-EEA[54]. Dan, flimkien mal-prezzijiet għoljin li tħallsu mill-ekonomija tal-Asja li qiegħda tikber u tissaħħaħ dejjem iktar, wasslu biex l-esportazzjonijiet tal-iskart tal-plastik lejn l-Asja żdiedu b'mod esponenzjali matul l-aħħar 10 snin. Filwaqt li dan mhux oġġezzjonabbli fih innifsu, jista' jiġi sostnut li r-riċiklaġġ tal-iskart tal-plastik fl-Ewropa huwa, f'termini ambjentali, għażla aħjar u li l-iskart tal-plastik esportat lejn pajjiżi barra mill-UE għandu jiġi riċiklat ġewwa faċilitajiet li jikkonformaw ma' standards ekwivalenti għal dawk applikati fl-UE. L-esportazzjoni ta' skart tal-plastik li jispiċċa ġewwa faċilitajiet li mhumiex skont l-istandards jew jintrema tista' tmur kontra l-għan ambjentali ta' konservazzjoni tar-riżorsi kif stabbilit fil-WFD.

**(7) Huma meħtieġa miri speċifiċi għar-riċiklaġġ tal-iskart tal-plastik biex jiżdied ir-riċiklaġġ tal-iskart tal-plastik? Liema tipi ta' miżuri oħrajn jistgħu jiġu introdotti?**

**(8) Hemm il-ħtieġa li jiddaħħlu miżuri biex l-iskart ta' plastik li jista' jiġi riċiklat, u li jiġi esportat lejn pajjiżi terżi, ma jiġix riċiklat b'mod mhux skont l-istandards jew normi?**

*Azzjoni Volontarja*

L-azzjoni volontarja tista' wkoll tgħin b'mod sinifikanti biex tittaffa l-problema tal-iskart tal-plastik fl-ambjent u tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-użu tar-riżorsi. L-aktar mod faċli li tikkonviċni lil xi ħadd dwar dan huwa l-argument li l-iskart tal-imballaġġ tal-plastik jikkontribwixxi għal 63% tal-iskart tal-plastik totali ġġenerat. L-iffissar ta' ***"linji gwida sostenibbli dwar l-imballaġġ"*** li għalihom il-produtturi u l-bejjiegħa għandhom jimpenjaw ruħhom jista' jkun pass fid-direzzjoni t-tajba. Inizjattiva bħal din tista' tinkludi iffissar ta' parametri għall-kejl tas-sostenibilità tal-imballaġġ, l-aħjar tekniki disponibbli għall-produtturi tal-imballaġġ tal-plastik, sistema ta' tikkettjar indipendenti biex tkejjel l-impronti individwali tal-konsumaturi, kampanji ta' informazzjoni li jżidu l-għarfien tal-konsumaturi dwar il-perikli

[53] (BIOIS)(2011), Study on coherence of waste legislation , loc.cit., p. 30.

[54] Rapport tal-EEA Nru 7/2012, Kopenħagen 2012, "movimenti ta' skart tul il-fruntieri intersni u esterni tal-UE", p. 21.

tal-plastik u tar-rimi tal-plastik u l-organizzazzjoni ta' ġbir separat. Inizjattivi eżistenti bħall-Forum tal-Bejjiegħa bl-Imnut Ewropew, EUROPEN, il-pjattaforma fliexken PET u Vinyl 2010+ jistgħu jgħaqqdu l-inizjattivi tagħhom favur il-produzzjoni u r-rimi tal-plastik b'mod iktar sostenibbli. Skemi simili jistgħu jitwaqqfu għall-ġbir u l-irkupru ta' plastik agrikolu mhux tal-imballaġġ li huwa faċli biex jiġi riċiklat minħabba l-kompożizzjoni kimika uniformi tiegħu. L-"***Agricultural Waste Plastics Collection and Recovery Programme***" tar-Renju Unit jista' jservi bħala eżempju[55]. Inizjattivi simili jistgħu jikkonċentraw fuq plastik tal-WEEE u tal-ELV, li jammonta għal 10% tal-iskart tal-plastik Ewropew. Fl-aħħarnett, l-investiment tal-produtturi f'disinn tal-prodott imtejjeb għandu jsir xprunatur aktar importanti sabiex jitnaqqas l-iskart tal-plastik. L-Artikolu 8 tad-DQI (id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma) jipponta f'dik id-direzzjoni u l-adattament volontarju minn kmieni jista' jwassal għal riżultati aħjar minn dak miksub permezz ta' bidla imposta b'leġiżlazzjoni.

**(9) Taħseb li aktar azzjoni volontarja, b'mod partikolari mill-produtturi u l-bejjiegħa bl-imnut, tkun strument xieraq u effikaċi biex isir użu aħjar tar-riżorsi fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti tal-plastik?**

### 5.3. L-imġiba tal-konsumaturi titqiegħed fil-mira

*Valorizzazzjoni tal-plastik*

Il-plastik huwa pperċeput bħala materjal li fih innifsu ma għandu l-ebda valur. Din il-perċezzjoni tiffavorixxi r-rimi ta' skart. Madankollu, il-plastiks kollha huma materjali kumplessi u ta' teknoloġija għolja li l-konsumaturi għandhom jivvalorizzaw sabiex ninċentivaw l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ.

Xi prodotti tal-plastik (eż. fliexken tax-xorb tal-PET) jistgħu jsiru soġġetti għal sistema ta' depożitu u ritorn, li timmotiva lid-detentur tal-prodott fit-tmiem il-ħajja tiegħu biex jirkupra d-depożitu tiegħu billi jieħu l-oġġett lura fil-post imfassal apposta għall-ġbir, filwaqt li jiġu evitati r-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni jew strutturi monopolistiċi. Għal ċerti oġġetti tal-plastik, mudelli intraprenditorjali ġodda bħal sistemi ta' kiri, meta l-produttur jibqa' l-proprjetarju tal-prodott, jistgħu jkunu għodda utli biex jiġi żgurat li l-oġġett jinġabar u jiġi ttrattat b'mod ambjentalment san.

**Mistoqsijiet:**

**(10) Hemm lok fejn tiġi żviluppata sistema ta' depożitu u ritorn jew sistemi ta' kiri għal kategoriji speċifiċi ta' prodotti tal-plastik? Jekk iva, kif jistgħu jiġu evitati l-impatti negattivi fuq il-kompetizzjoni?**

***Għoti tal-għarfien lill-konsumaturi sabiex ikunu jafu x'qegħdin jixtru***

Konsumaturi infurmati jista' jkollhom rwol deċiżiv fil-promozzjoni ta' metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli għall-plastik u għall-prodotti tal-plastik u dan itejjeb ukoll l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi. Fl-immirar fuq l-imġiba tal-konsumaturi, informazzjoni ċara, sempliċi u konċiża tista' tkun strumentali sabiex tinforma lill-konsumaturi dwar il-kontenut tal-plastik ta' prodott u l-addittivi/kuluri potenzjalment ta' ħsara tiegħu, l-influwenza tagħhom fuq ir-riċiklaġġ u l-prekawzjonijiet meħtieġa għall-użu tal-prodotti.

Tali informazzjoni tista' wkoll tinkludi indikaturi tal-prestazzjoni ambjentali, bħalma huma, ir-riċiklabilità. il-kompostabilità u l-prestazzjoni tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi ta' prodotti

[55] Plastiks agrikoli mhux tal-imballaġġ jinkludu balel ta' , għati tal-pjanti, films tas-serer, għata ortikulturali, film mulch u kisi ghall-furrajna. See www.defra.gov.uk/corporate/consult/agri-plastics/index.htm.

tal-plastik. Għal ċerti prodotti tal-plastik, informazzjoni fuq il-kontenut riċiklat, ir-riċiklabilità u kemm jista' jissewwa tista' wkoll tkun rilevanti.

Informazzjoni sħiħa fuq prodott għall-konsumatur fir-rigward tat-tip ta' plastik u r-riċiklabilità tiegħu tista tiġi pprovduta lil hinn mill-iskemi eżistenti, sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażla infurmata meta jixtru prodott tal-plastik. Riċiklabilità sempliċi u effettiva tista' tiġi riflessa fil-prezz tal-prodott u tista' tintuża bħala strateġija ta' kummerċjalizzazzjoni. Informazzjoni bbażata fuq l-impronta ambjentali jew ekotikketti tista' tintuża wkoll biex tiffaċilita għażla infurmata fir-rigward tal-prestazzjoni ġenerali taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott.

**Mistoqsija:**

**(11) Liema tip ta' informazzjoni tqis meħtieġa biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu kontribut dirett għall-użu effiċjenti tar-riżorsi meta jagħżlu prodott tal-plastik?**

## 5.4. Lejn plastik aktar sostenibbli

***Disinn tal-plastik għal riċiklaġġ minn nieqa sa nieqa faċli u ekonomiku[56]***

Element importanti għall-kisba ta' aktar sostenibbiltà fil-produzzjoni tal-plastik hu d-disinn tal-plastik innifsu. Filwaqt li, relattivament, ftit hemm plastiks bażiċi (polimeri), l-għadd kbir ta' addittivi użati fil-produzzjoni tal-plastik jista' jkun ostaklu kbir għar-riċiklaġġ tal-plastik jew jista' jwassal għal aktar tnaqqis fir-riċiklaġġ milli riċiklaġġ minn nieqa sa nieqa.

It-tnaqqis ta' sustanzi perikolużi fil-plastiks iżid ir-riċiklabilità tagħhom. It-tneħħija gradwali ta' dawn is-sustanzi kemm fil-prodotti ġodda kif ukoll f'dawk riċiklati tnaqqas ukoll ir-riskji assoċjati mal-użu tagħhom. Il-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi jissuġġerixxi li sal-2020, is-Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna rilevanti għandhom jitpoġġew fuq il-Lista ta' Kandidati tar-Regolament REACH li tkun taqbad l-addittivi tal-plastik rilevanti.

Fluss adegwat ta' informazzjoni mill-produtturi għar-riċiklaturi huwa importanti wkoll. Skedi tad-dejta tas-sikurezza ċari għall-pelits tal-plastik użati mit-trasformaturi tal-plastik jistgħu jtejbu r-riċiklaġġ ta' kwalità għolja. Tikkettar u informazzjoni dwar il-kontenut kimiku ta' plastik imwassal għand it-trasformaturi, inkluż dwar l-addittivi kollha, jista' jkollhom rwol utli wkoll.

Mistoqsija:

**(12) Liema bidliet fid-disinn kimiku tal-plastik jistgħu jtejbu ir-riċiklabilità tagħhom?**

**(13) Kif tista' l-informazzjoni dwar il-kontenut kimiku tal-plastik tkun disponibbli għall-atturi kollha fil-katina tar-riċiklaġġ tal-iskart?**

***Sfidi ġodda permezz ta' materjali innovattivi***

Riskji ġodda jistgħu jinħolqu mill-użu ta' materjali innovattivi bħan-nanomaterjali, pereżempju fi fliexken magħmulin minn polietilentereftalat (PET) [57] jew l-imballaġġ

---

[56] L-iskart tal-plastik u r-riċiklaġġ huma indirizzati fis Sħubija Pubblika Privata SPIRE (Sustainable Process Industry), qiegħda tiġi ppreparata. Għal aktar dettalji ara: http://www.suschem.org/documents/document/20120124124146-sustainable_process_industry_1209c(1).pdf

inġenerali, jew li jipprovdu penetrazzjoni selettiva tal-gass fl-imballaġġ tal-ikel, jew minn nanosensers għall-kxif tat-taħsir tal-ikel[58]. L-approċċ tal-UE huwa li jiġu evalwati r-riskji ta' nanomaterjali individwali, każ b'każ. Madankollu, il-valutazzjoni tar-riskji ambjentali u tas-saħħa potenzjali hija diffiċli minħabba l-iskarsezza ta' dejta ambjentali u tossikoloġika. Definizzjoni Ewropea komuni li teżisti bħalissa ta' nanomaterjali tista' tiffaċilita kemm il-ġenerazzjoni kif ukoll il-ġbir b'mod aktar effettiv ta' tali dejta rilevanti[59].

L-użu dejjem jiżdied ta' mikroplastiks verġni huwa wkoll kwistjoni ta' tħassib. F'xi prodotti tal-konsumatur, bħall-kremi tal-għarik u ġellijiet tad-doċċa, il-produtturi jżidu il-mikroplastik minflok partikoli tal-għorik naturali. Dawk il-partikoli jistgħu jispiċċaw fl-ibħra peress li s-sistemi ta' ġestjoni tal-ilma mhumiex mgħammra biex iżommu dan il-materjal lura.

**Mistoqsija:**

**(14) Kif jistgħu jiġu indirizzati bl-aħjar mod l-isfidi li joħorġu mill-użu tal-mikroplastik fi prodotti jew proċessi industrijali u ta' nanopartikoli?**

## 5.5. Durabilità tal-plastik u ta' prodotti tal-plastik

Bosta sfidi fil-qasam tal-ġestjoni tal-iskart tal-plastik, bħal volumi dejjem jiżdiedu u l-plastik fil-baħar, huma dovuti għad-durabilità estrema tal-materjali tal-plastik, li normalment jgħixu iktar mill-prodotti li qegħdin fihom. Il-problemi jaggravaw meta l-prodotti tal-plastik ikunu iddisinjati speċifikament għal użu waħdieni jew għal medda ta' ħajja qasira, jew meta l-ħajja tagħhom tkun deliberatament imqassra.

### *Disinn tal-prodott għal ħajja itwal, użu mill-ġdid u tiswija*

Sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fil-produzzjoni u l-konsum ta' oġġetti tal-plastik, u sabiex jiġi evitat it-telf ta' riżorsi mhux rinnovabbli naturali, oġġetti tal-plastik għandhom ikunu mfassla biex tiġi mmassimizza d-durabilità tagħhom. Hemm bosta funzjonijiet avversi li jagħmlu dan l-għan diffiċli biex jintlaħaq, bħall-ħruġ mill-użu[60] ippjanat jew tekniku, kif ukoll disinji li jagħmlu t-tiswija ta' prodotti tal-plastik mhux ekonomika jew saħansitra teknikament impossibbli.

Spiss, id-disinn tal-prodotti tal-plastik bħal tagħmir elettriku u elettroniku ma jkunx maħsub biex jerġgħu jintużaw. Minħabba li d-disinn jista' jkun biss għodda għall-kummerċjalizzazzjoni, anke passi żgħar fl-innovazzjoni teknika huma spiss użati għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott kompletament ġdid minflok ma tintgħażel sistema modulari mfassla b'tali mod li s-sostituzzjoni tal-komponenti innovattivi tkun irħisa u faċli. Pereżempju huwa komuni li jinbiegħ laptop tal-plastik kompletament ġdid meta sostituzzjoni sempliċi taċ-ċippa tas-CPU tista' tkun teknikament biżżejjed biex taġġorna l-apparat.

---

57 Centre for Technology Assessment. Dinner is served! Nanotechnology in the kitchen and in the shopping basket – Abstract of the TA-SWISS study "Nanotechnology in the food sector". 2009: www.ta-swiss.ch/a/nano_nafo/KF_Nano_im_Lebensmittelbereich.pdf.

58 Busch L. Nanotechnologies, food, and agriculture: next big thing or flash in the pan? Agric Hum Values. 2008;25:215–218; Sozer N., Kokini JL. Nanotechnology and its applications in the food sector. Trends Biotechnol. 2009;27(2): 82-9.

59 Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Ottubru 2011 dwar id-definizzjoni ta' nanomaterjal 2011/696/UE; http://eurlex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2011:275:0038:0040:MT:PDF.

60 Ħruġ mill-użu ppjanat hija strateġija kummerċjali li fiha l-ħruġ mill-użu (il-proċess li bih xi ħaġa ssir obsoleta - jiġifieri, ma tibqax moda jew ma għadhiex utilizzabbli) ta' prodott huwa ppjanat u inkorporat fil-prodott mill-konċepiment tiegħu, ara: Slade, G., "Made to Break: Technology and Obsolescence in America", Harvard University Press, 2006.

Kull disinn li deliberatament jagħmel il-prodotti tal-plastik impossibbli li jissewwew għandu jiġi evitat[61]. L-iżvilupp tar-rekwiżiti jew linji gwida għall-abilità ta' prodott tal-plastik li jintuża mill-ġdid u li jissewwa hija għażla li għandha tiġi esplorata. Xi xogħol fuq l-iżvilupp ta' metodoloġiji biex jitkejjel l-użu mill-ġdid ta' prodotti diġà beda[62]. Soluzzjoni minnhom tista' tkun l-iżvilupp tar-regoli tal-ekodisinn, li jistabbilixxu kriterji partikolari fuq, l-abilità tal-użu mill-ġdid, id-durabilità, it-tiswija u l-kostruzzjoni modulari, kif diġà previst fl-Art. 9 (1) tad-WFD.

**(15) Għandha l-politika għad-disinn tal-prodott tindirizza l-ħruġ mill-użu ppjanat ta' prodotti tal-plastik u timmira lejn it-tisħiħ tal-użu mill-ġdid u d-disinn modulari sabiex timminimizza l-iskart tal-plastik?**

**(16) Jistgħu regoli ġodda dwar l-ekodisinn ikunu ta' għajnuna biex ikun possibbli li l-prodotti tal-plastik jintużaw mill-ġdid aktar u jkollhom durabilità akbar?**

***Prodotti tal-plastik li jintużaw darba u għal żmien qasir.***

Mill-perspettiva tal-prevenzjoni tal-iskart u tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, huwa mixtieq li jittieħdu miżuri biex tiġi evitata l-proliferazzjoni ta' prodotti ta' ħajja qasira u ta' użu ta' darba li jintremew (bħal basktijiet tal-plastik), jekk ibbażat fuq valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja (LCA) u analiżi tal-Impronta Ambjentali tal-Prodott (PEF) [63].

Aġġeġġi tal-plastik irħas, ippakkjati b'mod sekondarju ma' prodotti tal-konsumatur, oġġetti ta' divertiment, ġugarelli b'ħajja qasira u kategoriji simili ta' prodotti huma ġeneralment disponibbli bi prezzijiet li ma jirriflettux l-ispejjeż ambjentali kollha tagħhom, inkluż il-ġestjoni tal-iskart. L-istess japplika għall-prodotti ta' użu ta' darba bħal basktijiet tal-ġarr magħmulin mill-plastik ta' użu ta' darba.

Il-basktijiet tal-ġarr magħmulin mill-plastik huma emblematiċi tas-soċjetà moderna tal-konsumatur, ħfief, prattiċi, mingħajr valur, ħafna drabi jintremew wara użu ta' darba. Madankollu l-pressjoni ambjentali maħluqa mill-basktijiet tal-ġarr magħmulin mill-plastik hija konsiderevoli. Fl-2010, kien hemm 95.5 biljun basktijiet tal-ġarr magħmulin mill-plastik (1.42 Mt) li tqiegħdu fis-suq tal-UE, ħafna minnhom (92%) huma għal użu ta' darba. Aktar inkwetanti, il-basktijiet tal-plastik iżidu bla bżonn mat-tagħbija ta' skart tal-plastik fl-ambjent tal-baħar, u jkollhom l-istess effett detrimentali bħal skart ieħor tal-plastik. Bħala eżempju impressjonanti, il-boroż tal-plastik ammontaw għal 73% tal-iskart miġbur mit-trawlers tul il-kosta tat-Toskana[64]. Wara l-konsultazzjoni pubblika dwar basktijiet tal-ġarr magħmulin mill-plastik li saret fis-sajf 2011, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda (bħala inizjattiva separata) tivvaluta għażliet li bihom jitnaqqsu l-basktijiet tal-ġarr magħmulin mill-plastik ta' użu ta' darba.

L-iżvilupp ta' strumenti ibbażati fuq is-suq abbażi ta' indikaturi tal-impatt ambjentali jista' jkun għażla li tiggwida l-produzzjoni u l-konsum lil hinn minn prodotti tal-plastik ta' ħajja qasira u ta' użu ta' darba li jintremew. Dan finalment isib il-ġustifikazzjoni tiegħu fil-prinċipju ta' min iniġġes iħallas.

[61] Għadd inestimabbli ta' apparat elettiku bħal ċarġers, telefowns ċellulari, huma ssiġillati b'mod li ma tgħaddix arja minnhom, u ma jistgħux jinfetħu għat-tiswija.

[62] Mill-Kummissjoni Internazzjonali Elettroteknika (IEC) u s-servizzi tal-Kummissjoni. Ara: Studji u rapporti tal-JRC: "Integration of resource efficiency and waste management criteria in European product policies": http://lct.jrc.ec.europa.eu/assessment/projects#d.

[63] Ara http://ec.europa.eu/environment/eussd/product_footprint.htm.

[64] ARPA, ARPAT, DAPHNE II (2011), L'impatto della plastica e dei sacchetti sull'ambiente marino.

B'mod aktar ġenerali, il-prezzijiet jistgħu jkunu mgħawwġin u jiddiskriminaw kontra prattika ambjentali soda[65]. Sistema li tirrifletti l-ispejjeż ambjentali reali mill-estrazzjoni ta' materja prima għall-produzzjoni, distribuzzjoni u rimi tinkoraġġixxi produzzjoni aktar sostenibbli u tikkumpensa għall-fallimenti tas-suq. Akkwist pubbliku ekoloġiku u strumenti finanzjarji bħal taxxi ambjentali jistgħu jgħinu wkoll biex tittejjeb din is-sitwazzjoni.

Mistoqsijiet:

**(17) Għandhom jiġu introdotti strumenti bbażati fuq is-suq biex jipprovdu riflessjoni aktar preċiża tal-ispejjeż ambjentali mill-produzzjoni tal-plastik sar-rimi finali?**

**(18) Kif jista' jiġi indirizzat bl-aħjar mod il-piż tal-iskart ippreżentat mill-prodotti tal-plastik ta' ħajja qasira u ta' użu ta' darba li jintremew?**

## 5.6. Promozzjoni tal-plastik bijodegradabbli u tal-bijoplastik

***Plastik bijodegradabbli***

Prodotti tal-plastik bijodegradabbli[66] spiss jitqiesu bħala soluzzjoni potenzjali għar-rimi tal-plastik u ġibdu aktar l-attenzjoni pubblika. Minkejja li għadha segment żgħir tas-suq, il-produzzjoni tal-plastik bijodegradabbli llum topera b'kapaċità ta' skala industrijali, b'żieda mbassra fl-Ewropa minn 0.23 Mt/pa fl-2007 għal 0.93 Mt/pa fl-2011[67].

It-terminu "bijodegradabbli" nnifsu jista' jinftiehem ħażin mill-konsumaturi. Filwaqt li dawn jistgħu jinterpretaw li t-tikketta "bijodegradabbli" tfisser tajbin għall-kompostaġġ f'livell domestiku, fir-realtà, il-maġġoranza l-kbira tal-plastik bijodegradabbli jista' biss ikun bijodegradabbli taħt kundizzjonijiet speċifiċi ferm b'temperatura u umdità għolja b'mod kostanti f'installazzjonijiet industrijali tal-kompostaġġ u la jkunu tajbin għall-kompostaġġ f'livell domestiku u lanqas ma jiddekomponu fi żmien raġonevoli meta jintremew[68]. Jista' jkun hemm bżonn li ssir distinzjoni ċara bejn plastiks kompostabbli f'livell domestiku u dawk kompostabbli industrijalment, flimkien ma' edukazzjoni tal-konsumatur dwar il-mezzi tar-rimi x-xierqa. Il-konfużjoni tista' twassal sabiex il-konsumaturi ma jagħtux kas biżżejjed meta jiġu biex jarmu, minħabba interpretazzjoni żbaljata tagħhom li l-oġġetti ttikkettjati bħala bijodegradabbli, taħt kundizzjonijiet naturali, jitmermru f'perjodu ta' żmien qasir.

Hemm ukoll dikjarazzjonijiet dwar il-bijodegradabilità li għandhom jiġu skrutinizzati. Pereżempju, il-frammentazzjoni tal-plastik imsaħħaħ b'aġent ossidanti (normalment melħ tal-metall) fil-preżenza tal-ossiġenu, tas-sħana u tad-dawl UV tirriżulta fi frak mikroskopiku tal-plastik b'karatteristiċi simili bħal dawk tal-plastik bl-ingrossa. Ir-residwi tal-ossodegradazzjoni jista' jkollhom impatti mhux ċari[69]. Il-plastiks ossodegradabbli jistgħu jirriskjaw li jikkontribwixxu sabiex it-tagħbija tal-mikroplastiks tilħaq l-ambjent tal-baħar u għalhekk tista' żżid b'mod sinifikanti r-riskju ta' inġestjoni mill-annimali[70]. Il-preżenza ta'

65 OECD, Environmentally harmful subsidies: challenges for reform, 2005.

66 Plastiks bijodegradabbli għandhom jinftehmu bħala plastiks li jistgħu jiġu degradati mill-organiżmi ħajjin - b'mod partikolari mikro-organiżmi f'ilma, $CO_2$, il-metan (CH4) u possibbilment 'residwi mhux tossiċi (jiġifieri bijomassa).

67 (BIOIS) (2012), Options to improve the biodegradability requirements in the packaging Directive, p. 30.

68 (BIOIS) (2012), Options to improve…, loc.cit., p. 21, 34.

69 (BIOIS) (2012), Options to improve …, loc.cit., p. 15, 16, 23, 37.

70 Gregory,M.R., & Andrady, A.L.(2003) Plastics in the marine environment, in: A.L.Andrady (Ed.), Plastics in the Environment, Hoboken, N.J.:Wiley-Interscience, pp. 379-402.

aġenti ossidanti fil-flussi tal-iskart tal-plastik tista' wkoll tagħmel ir-riċiklaġġ tal-plastik[71] aktar diffiċli. Għandu jiġi evalwat jekk l-użu tat-terminu 'bijodegradabbli' huwiex permissibbli f'dan il-każ.

Mistoqsija miftuħa oħra hija sa liema punt jista' l-plastik bijodegradabbli jkun soluzzjoni għat-tniġġis tal-baħar mill-plastik. Id-dekompożizzjoni fl-ambjent tal-baħar tiddependi fuq ħafna fatturi, bħat-tip ta' prodott, il-preżenza suffiċjenti ta' mikro-organiżmi rilevanti, it-temperatura tal-ilma u d-densità tal-prodott. F'xi provi li saru minn Plastral Fidene, taħlita ta' lamtu-PCL[72] instab li tiddegrada f'20 sa 30 ġimgħa fl-ilmijiet Awstraljani filwaqt li tkun kapaċi tiddegrada f'20-30 jum fil-kompost[73]. Barra minn hekk, ħafna plastiks bijodegradabbli ma jistgħux jiddegradaw fl-imsaren tal-ispeċi tal-baħar u d-dannu fiżiku fuqhom x'aktarx li jibqa' problema.

Hemm bosta ostakli sabiex il-plastik bijodegradabbli jikseb penetrazzjoni tas-suq fi żmien qasir. Mingħajr progress tekniku ulterjuri f'termini tal-kwalitajiet funzjonali tagħhom, il-plastiks jistgħu ma jkunux adatti għal xi tipi ta' applikazzjonijiet tal-imballaġġ, pereżempju għall-ikel frisk[74]. Ktajjen eżistenti tal-manifattura, li huma mdorrijin jużaw il-petroplastiks, jistgħu jeħtieġu adattament li jiswa ħafna flus biex jaħdem bi plastiks bijodegradabbli[75]. L-influwenza eżatta tal-plastik bijodegradabbli fuq ambjenti akkwatiċi, kif ukoll it-tossiċità tal-kompost, għad iridu jiġu investigati aktar[76]. Sistemi ta' trattament tal-iskart diġà fis-seħħ għadhom mhumiex kapaċi jisseparaw b'mod suffiċjenti l-plastik bijodegradabbli mill-plastik konvenzjonali li jista' jipperikola l-proċessi ta' riċiklaġġ. Adattament tekniku jista' jżid l-ispejjeż tas-separazzjoni minħabba li probabbilment ikun meħtieġ tagħmir iktar sofistikat.

F'dak li jirrigwarda l-kompostaġġ tal-plastik bijodegradabbli, ikun hemm bżonn ta' investiment f'faċilitajiet ta' kompostaġġ li jipprovdu biżżejjed ipproċessar minn qabel kif ukoll ta' proċess ta' kompostaġġ adegwat.

**(19) Liema huma l-applikazzjonijiet li għalihom il-plastik bijodegradabbli jistħoqqlu li jiġi promoss, u liema kundizzjonijiet ta' qafas għandhom japplikaw?**

**(20) Ikun xieraq li jissaħħu r-rekwiżiti legali eżistenti billi ssir distinzjoni ċara bejn plastiks kompostabbli b'mod naturali u dawk teknikament bijodegradabbli, u għandha din id-distinzjoni tkun soġġetta għal informazzjoni obbligatorja?**

**(21) Taħseb li l-użu ta' plastik ossodegradabbli jeħtieġ xi tip ta' intervent bl-iskop li jissalvagwardja l-proċessi ta' riċiklaġġ, u jekk iva, fuq liema livell?**

***Prodotti Bijoplastiċi***

Waqt li s-suq għadu ddominat b'aktar minn 99% minn plastik ibbażat fuq iż-żejt[77], hemm suq emerġenti u li qed jikber għall-plastik b'bażi bijoloġika (prodotti bijoplastiċi) prodott minn riżorsi rinnovabbli[78]. Il-prodotti bijoplastiċi attwali huma ġeneralment magħmulin minn lamtu f'forma estratta mill-qamħirrum, ross, zokkor tal-kannamieli jew mill-patata.

---

71 STAP (2011). Marine Debris as a Global Environmental Problem. Global Environmental Facility, Washington, DC. 2011, p.21.

72 Polycaprolactone (PCL).

73 Nolan-ITUPty, Ltd, 2002, Report on Biodegradable Plastics – Developments and Environmental Impacts.

74 (BIOIS) Plastic waste in the Environment, loc.cit., p. 61.

75 (BIOIS) (2012), Options to improve…, loc.cit., p. 47/48.

76 Għar-referenza ulterjuri, ara: BIOIS (2012), Options to improve…, loc.cit., p. 43.

77 EUROPEN, 2011, Packaging and Packaging Waste Statistics in Europe: 1998-2008.

78 Plastic waste in the Environment, loc.cit, p. 13.

Il-prefiss "bijo" (bio-based) għall-prodotti bijo-, huwa definit b'mod ċar mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN)[79]. Madankollu, jeħtieġ li l-konsumaturi jkunu infurmati b'mod sħiħ li dan jirrigwarda l-oriġini tar-riżorsa u mhux il-ġestjoni fit-tmiem tal-ħajja. Għalkemm il-maġġoranza tal-plastik bijodegradabbli bħalissa huwa bijoplastik, il-plastiks bijodegradabbli jistgħu jsiru wkoll minn riżorsi bbażati fuq iż-żejt jew taħlita ta' dawk ibbażati fuq iż-żejt u dawk bijoplastiċi Barra minn hekk, xi bijopolimeri, bħalma huma l-polietilen (PE) minn bijoetanol, mhumiex bijodegradabbli. Il-kompetizzjoni mal-produzzjoni tal-ikel, diġà diskussa b'mod ġenerali fil-kuntest tal-bijokarburanti, hija kwistjoni problematika u kkontestata ħafna dwar il-bijoplastiċi. Żieda sinifikanti fil-produzzjoni tal-bijoplastik għal livell komparabbli ma' plastiks konvenzjonali tista' tagħmel impatt negattiv fuq il-produzzjoni tal-għelejjel tal-ikel li jintużaw biex jagħmlu l-bijoplastik. Dan jista' jkollu impatt negattiv fuq l-ekonomiji li qed jiżviluppaw u l-ekonomiji fi tranżizzjoni. Ġiet iddokumentata rabta bejn iż-żidiet fil-prezzijiet tal-qamħ wara ż-żieda fil-produzzjoni tal-etanol fl-2008 fl-Istati Uniti[80]. Dan jista' jwassal għal żieda fl-użu tal-art u fil-prezzijiet tal-materja prima, kif ukoll f'telf tal-bijodiversità permezz ta' trasformazzjoni ta' art mitluqa u foresti f'għelieqi, li jżid il-konsum agrikolu tal-ilma u fertilizzanti. Dan it-tħassib ma jkunx japplika għall-bijoplastiċi magħmulin mill-iskart agrikolu u prodotti sekondarji tal-għelejjel tal-ikel jew alga tal-ilma mielaħ.

**Mistoqsija:**

**(22) Kif għandhom jiġu ikkunsidrati l-bijoplastiċi fir-rigward tal-ġestjoni tal-iskart tal-plastik u l-konservazzjoni tar-riżorsi? Għandu jiġi promoss l-użu tal-bijoplastik?**

### 5.7. Inizjattivi tal-UE li jindirizzaw l-iskart tal-baħar li jinkludi iskart tal-plastik

Id-**Direttiva Qafas għal Strateġija Marittima (MFSD) 2008/56/KE** timmira li tikseb status ambjentali tajjeb (GES) għall-ilmijiet tal-baħar kollha sal-2020. Id-Direttiva tidentifika l-iskart tal-baħar bħala wieħed mill-fatturi li jiddeterminaw il-GES li għalih "il-proprjetajiet u l-kwantitajiet ta' rifjuti fil-baħar ma jikkawżawx dannu għall-ambjent kostali u tal-baħar." L-iskart tal-baħar jinkludi t-tipi kollha ta' skart. Madankollu, studji wrew li l-maġġoranza tal-iskart li jinstab fl-ibħra tagħna u fl-oċeani huwa plastik.

Fl-2010, il-Kummissjoni spjegat il-kriterji għall-Istati Membri biex jivvalutaw l-istatus ambjentali tal-ibħra tagħhom fil-kuntest tal-MSFD[81]. Bosta minn dawn il-kriterji jirrigwardaw l-iskart tal-baħar. Grupp ta' Ħidma dwar l-iskart tal-baħar żviluppa ħarsa ġenerali tad-dejta eżistenti u l-metodoloġiji għall-monitoraġġ tal-iskart tal-baħar, kif meħtieġ mill-MSFD. Dan il-grupp ta' Ħidma enfasizza kemm il-gravità tal-kwistjoni kif ukoll il-ħtieġa urġenti li ssir aktar riċerka kkoordinata ħalli jkun żgurat approċċ komuni għall-monitoraġġ u l-mitigazzjoni. Il-grupp jibqa' jaħdem fuq (*inter alia*) l-armonizzazzjoni tal-monitoraġġ, jistma l-ispejjeż involuti u jevalwa l-ħsara kkawżata mill-iskart tal-baħar[82].

B'mod parallel, il-Kummissjoni bdiet djalogu mal-partijiet interessati (produtturi tal-plastik, ir-riċiklaturi, bejjiegħa bl-imnut, l-industrija tal-imballaġġ, l-awtoritajiet tal-port u tat-tbaħħir, l-NGOs) biex jiżviluppaw sħubiji u azzjonijiet volontarji biex jindirizzaw l-iskart tal-baħar. Barra minn hekk, hemm numru ta' proġetti u inizjattivi għaddejjin li għandhom fil-mira

79 ftp://ftp.cen.eu/CEN/Sectors/List/bio_basedproducts/BTWG209finalreport.pdf

80 Fortenbery, Randall T. u Park, Hwanil (2008), The Effect of Ethanol Production on the U.S. National Corn Price, Staff Paper Series, University of Wisconsin-Madison.

81 2010/477/UE tal-1 ta' Settembru 2010.

82 JRC, Marine Litter – Technical Recommendations for the Implementation of MSFD Requirements, EUR 25009 EN, Lussemburgu 2011.

tagħhom il-fehim aħjar tas-sorsi u tal-impatti tar-rifjuti fil-baħar kif ukoll is-soluzzjonijiet possibbli. Ħarsa ġenerali lejn l-inizjattivi u l-miżuri potenzjali li jindirizzaw din il-problema hija mogħtija separatament fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD (2012) 365.

L-implimentazzjoni b'suċċess tal-politika tal-iskart hija prerekwiżit ewlieni biex jiġi evitat li l-iskart tal-plastik jidħol fl-ambjent tal-baħar. Qegħdin isiru diskussjonijiet dwar iffissar ta' miri biex jiggwidaw l-isforzi tal-politika u biex jissorveljaw is-suċċess tagħhom (eż. fil-verżjoni finali tad-dikjarazzjoni Ministerjali tal-OSPAR 2010). Ir-rappurtar li jmiss taħt l-MSFD u l-proġetti li għaddejjin għandhom jippermettu l-iżvilupp ta' linja ta' referenza bażi għall-UE fl-2013 li tista' tintuża biex jiġu stabbiliti benchmarks, tragwardi u miri għall-politika.

F'xi Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali, qegħdin jiġu żviluppati pjanijiet ta' azzjoni dwar rifjuti fil-baħar. Għall-Mediterran, l-istrateġija dwar ir-rifjuti fil-baħar ġiet approvata fi Frar 2012[83]. Għall-Grigal tal-Atlantiku, mal-pjan ta' azzjoni marittima, "Is-sajd għall-iskart" sejjer jiġi implimentat f'aktar żoni tal-Konvenzjoni. Barra minn hekk, hemm ħafna inizjattivi fuq livell tal-UE, inklużi l-iżviluppi politiċi li jqisu dejjem aktar l-impatti tal-iskart fil-baħar, bħar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Faċilità ta' Akkoljenza fil-Port (ara CSWD għal ħarsa ġenerali aktar sħiħa). Il-politika tal-UE diġà tipprovdi bosta dispożizzjonijiet li, jekk implimentati b'mod sħiħ, sejrin inaqqsu l-problema tar-rifjuti fil-baħar b'mod sinifikanti. Din il-Green Paper tistipula għadd ta' għażliet politiċi ulterjuri li jgħinu biex jitnaqqas l-iskart tal-baħar. Madankollu, hemm ħafna azzjonijiet oħra barra mill-ambitu ta' din il-Green Paper li jeħtieġ li jittieħdu, bħat-twettiq ta' studji fl-imġiba għat-titjib tal-fehim ta' kif għandu jiżdied l-għarfien tal-konsumatur.

Waħda mit-tali azzjonijiet hija li titqajjem kuxjenza fost il-konsumaturi, li diġà nkisbet f'bosta Stati Membri, reġjuni u komunitajiet permezz ta', pereżempju, organizzazzjoni ta' ġranet ta' tindif tal-bajjiet. Inizjattivi bħal dawn huma numerużi u jsiru fuq livelli differenti fi ġranet differenti, madankollu, m'hemm ebda koordinazzjoni fuq livell tal-UE tal-attivitajiet li għaddejjin bħalissa, inkluż dawn l-avvenimenti li jżidu l-għarfien.

**Mistoqsijiet:**

**(23) Liema azzjonijiet oħrajn għajr dawk deskritti f'din il-Green Paper jistgħu jkunu previsti biex inaqqsu r-rifjuti fil-baħar? Għandhom uħud mill-azzjonijiet tal-iskart tal-baħar relatati jiġu kkoordinati fuq livell tal-UE (eż. billi jitwaqqaf Jum Ewropew ikkoordinat għat-Tindif Kostali biex jiżdied l-għarfien)?**

**(24) Fil-proposta tagħha għal Programm ġdid ta' Azzjoni Ambjentali, il-Kummissjoni tissuġġerixxi li tiġi stabbilita mira għat-tnaqqis kwantitattiv għall-iskart tal-baħar madwar l-UE kollha. Kif jista' l-iffissar ta' tali mira jipprovdi valur miżjud għall-miżuri li jnaqqsu l-iskart tal-plastik b'mod ġenerali? Kif tista' tiġi żviluppata tali mira?**

## 5.8. Azzjoni internazzjonali

L-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta' Basel (BC) jobbliga lill-partijiet biex jiżguraw id-disponibilità ta' faċilitajiet tar-rimi adegwati għall-ġestjoni ambjentalment soda ta' skart perikoluż u ta' skart ieħor, li għandhom jitqegħdu safejn possibbli fit-territorju tal-parti, ikun xi jkun il-post tar-rimi tagħhom. Dan ir-rekwiżit ġenerali japplika wkoll għall-iskart tal-plastik.

---

[83] http://www.mepielan-bulletin.gr/default.aspx?pid=18&CategoryId=10&ArticleId=95&Article=MEDITERRANEAN-SEA---The-COP-17-of-the-Barcelona-Convention-Adopts-the-Paris-Declaration.

Il-***"qafas strateġiku ġdid"*** għall 2012 - 2021, adottat fl-għaxar Konferenza tal-Partijiet (CoP) tal-Konvenzjoni ta' Basel fl-2011 jinkludi l-ġestjoni ambjentalment soda (ESM) fil-prevenzjoni u l-minimizzazzjoni tal-iskart fil-miri strateġiċi tiegħu. Il-CoP iddeċiediet ukoll li tinkariga grupp ta' esperti tekniċi biex jiżviluppaw qafas għall-ġestjoni ambjentalment soda tal-iskart fuq livell internazzjonali[84]..

Aktar reċentement, is-Sħubija Globali dwar il-Ġestjoni tal-Iskart (GPWM) UNEP IETC[85] stabbilita fl-2010, qiegħda tipprova tippromwovi approċċ olistiku fuq il-ġestjoni tal-iskart fuq livell internazzjonali, li jservi bħala pjattaforma biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali fost il-partijiet interessati. Qegħdin jiġu żviluppati pjanijiet ta' ħidma għal oqsma fokali sponsorjati bħall-ġestjoni ta' skart solidu, skart tal-baħar u l-minimizzazzjoni tal-iskart, kollha ta' importanza kruċjali għall-ġestjoni tal-iskart tal-plastik fuq livell internazzjonali. Żona fokali għall-iskart tal-plastik tista' tiġi kkunsidrata.

Il-***"politika l-ġdida tal-viċinat"*** tal-UE (ENP) u l-politika ta' qabel l-adeżjoni jista' jkollhom rwol utli fil-promozzjoni ta' azzjoni għat-titjib tal-ġestjoni tal-iskart tal-plastik u fl-indirizzar tal-isfidi attwali. Pereżempju, l-involviment tal-Istati ġirien fin-Nofsinhar tal-Mediterran u r-reġjun tal-Baħar l-Iswed huwa ferm essenzjali biex jintlaħaq l-istat ambjentali tajjeb - mingħajr plastik - tal-Mediterran u tal-Baħar l-Iswed[86].

L-iskart tal-plastik fil-baħar għandu jkun ukoll kwistjoni mqajma permezz ta' diskussjonijiet / fora / pjanijiet ta' azzjoni eċċ (ENP) bilaterali u reġjonali. Barra minn hekk, hemm il-ħtieġa ċara għall-irbit ta' dawn l-oqfsa u azzjonijiet ta' politika mal-azzjonijiet fil-kuntest tal-UNEP, bħall-Programm ta' Azzjoni tal-Mediterran biex isaħħu l-implimentazzjoni tal-konvenzjoni ta' Barċellona u jimminimizzaw l-impatt tar-rifjuti fil-baħar tal-plastik

Is-Samit Rio+20 offra l-opportunità li tiġi indirizzata l-kwistjoni tar-rifjuti fil-baħar fuq livell globali. Id-dokument finali rrikonoxxa l-ħtieġa għal sforzi kontinwi biex jitnaqqsu l-inċidenza u l-impatti tat-tniġġis tal-baħar, inkluż id-debris tal-baħar, speċjalment tal-plastik, minn numru ta' sorsi marittimi u terrestri, li jinkludu t-tbaħħir u l-iskol mill-art. Sar impenn konkret li tittieħed azzjoni sal-2025, ibbażata fuq dejta xjentifika miġbura, biex jinkiseb tnaqqis sinifikanti fid-debris tal-baħar sabiex tiġi evitata ħsara lill-ambjent kostali u tal-baħar.

**Mistoqsijiet:**

**(25) Għandha l-UE tagħti prijorità ogħla lill-iskart tal-plastik fil-qafas tal-"Politika l-Ġdida tal-Viċinat" tagħha, b'mod partikolari sabiex jitnaqqas ir-rimi tal-plastik fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed?**

**(26) Kif tista' l-UE tippromwovi b'mod iktar effettiv l-azzjoni internazzjonali biex ittejjeb il-ġestjoni tal-iskart tal-plastik mad-dinja kollha?**

---

84 UNEP/CHW.10/CRP.25 tal-20 ta' Ottubru 2011.

85 http://www.unep.or.jp/Ietc/SPC/activities/GPWM/GPWMFrameworkDocumentv.11282011.pdf.

86 56% tal-iskart solidu muniċipali fit-Turkija jiġi mirdum f'miżbliet mhux regolati.